ja fi Pjazza Sabina. Stennejtu joħroġ. Feraħ bija wara li għarafni. Staqsieni għall-ħbieb. Iżda għalija ma kienx is-sur Nin tas-soltu. Indunajt li kien naqas ġmielu – iż-żmien kien għamel bih. Sellimtlu u f'qalbi ħassejt li dik kienet l-aħħar tislima tiegħi.

Xtaqt li tkellimt meta kien ġie nieqes il-Poeta Nazzjonali, biex l-istess ħatra tiġi mogħtija lis-sur Nin. Iżda qalb il-Malti kultant hija ftit xierfa; biss is-sur Nin ħalla lil Malta monument ħaj, minqux fil-qlub kollha ta' dawk li kienu jafuh u fl-imħuħ ta' dawk kollha li qed jinqdew bl-orotgrafija li huwa kien fassal u li biha stagħniet u tkompli tistagħna il-Letteratura Maltija.

## NINU CREMONA

ta' Mons. ANTON GAUCI

KONT niltaqa' miegħu ta' spiss, it-Tokk inkella ħdejn id-dar tiegħu li ma hix 'l bogħod minn fejn noqgħod jien. Id-diskors tagħna kien kważi dejjem fuq il-letteratura jew l-istorja ta' pajjiżna, żewġ materji li fihom il-menti ta' dan l-istudjuż Għawdxi baqgħet ċara ħafna sal-aħħar. Qatt ma nnotajt f'Ninu l-iċken sinjal ta' preżunzjoni f'dak li konna nkunu niddiskutu: dejjem sibtu lest biex jagħti, lill-fehmiet li ma jkunux jaqblu għal kollox ma' tiegħu, kull rispett u konsiderazzjoni. Kien ta' sentimenti tabilħaqq nobbli. Kellu kważi ħamsin sena aktar minni, iżda qatt ma ddejjaqt ngħaddi siegħa miegħu – għax Ninu Cremona kellu materjal biżżejjed biex iżomm il-konversazzjoni ħajja u interessanti. Kont infittex u napprezza sew il-veduti u l-osservazzjonijiet tiegħu fuq xi poeżija tiegħi li ġie li ressaqtlu għall-kritika tiegħu. Fil-mewt ta' Ninu, Għawdex tilef wieħed mill-ulied kbar tiegħu, u l-kawża tal-Malti wieħed mill-aqwa kampjuni li kellha f'dan is-seklu tagħna.